# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Gunju, 2016

**Talba Nru: 138/2016/VG**

**William GAUCI [ID. Nru. 520973M]**

**Vs**

**Daniele RESTUCCIA [ID. Nru. 22532A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-21 ta' April, 2016** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' tmien mija u hamsa u tmenin euro u sitta u sittin centezmi ta' euro [€885.66c] u dan wara li ppremetta hekk:

> "1. Illi l-konvenut Daniele Restuccia kien impjegat mal-kumpanija tal-attur William Gauci u cioe StereoVision Security Ltd fejn talab lill-attur biex iselfu somma flus minhabba bzonnijiet tieghu u parti minn din is-somma kienet thallset lura;

2. Illi l-istess konvenut kien qal lill-attur William Gauci li ma kienx se jibqa jahdem mieghu u sa dak iz-zmien kien baqa bilanc ta' €885.66 mis-somma li giet mislufa lill-konvenut;

3. Illi minhabba li l-konvenut kien se jitlaq minn ml-attur u kemm ghal fatt li dawn il-flus hekk mislufa hargu minn but l-attur, kienu ftiehmu li jiffirmaw kambjali halli jithallas lura dak li kien dovut mill-konvenut u fil-fatt hekk sar billi gew iffirmati diversi kambjali ghal hlas ta' tali somma mill-1 ta' Frar 2015 sa Settembru 2015.

4. Illi meta wasal ghall-ewwel hlas ta' tali kambjali, l-konvenut infurmah li ma kienx sejjer ihallsu lura dawn il-flus ghal dak li kien dovut minnu;

5. Illi ghalkemm gie nterpellat b'diversi ittri legali kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali l-konvenut baqa ma hallasx is-somma dovuta u kien ghalhekk li l-attur fetah dawn il-proceduri quddiem dan it-Tribunal;

Ghaldaqstant, l-attur William Gauci jitlob lil dan it-tribunal joghgbu jordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mija u hamsa u tmenin Euro u sitta u sittin centezmu (€885.66) indikati hawn fuq bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ewwel kambjala u bl-ispejjez legali kif ukoll dik tal-ittra ufficjali bin-numru 32/2016 kontra l-intimat li minn issa ingunt ghas-subizzjoni".

**Ra n-nota mressqa mill-intimat fid-19 ta' Mejju, 2016 u li permezz taghha huwa ammetta t-talba.**

Ra li fis-seduta tal-lum dehru l-partijiet u d-difensuri taghhom;

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Ir-rikorrenti qieghed, permezz tal-proceduri odjerni, jitlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' tmien mija u hamsa u tmenin euro u sitta u sittin centezmi ta' euro [€885.66c] bilanc minn ammont ikbar misluf lill-intimat mir-rikorrenti.

2. L-intimat da parti tieghu ressaq nota fid-19 ta' Mejju, 2016 (fol. 8) li permezz taghha ammetta t-talba tar-rikorrenti.

GHALDAQSTANT it-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz, in vista tan-nota ta' ammissjoni mressqa mill-intimat fid-19 ta' Mejju, 2016, billi jiddikjara li l-ammont reklamat mir-rikorrenti ta' tmien mija u hamsa u tmenin euro u sitta u sittin centezmi ta' euro [€885.66c] huwa dovut mill-intimat lir-rikorrenti bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jidekorru mill-1 ta' Frar, 2015 datat ta' l-ewwel kambjala, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali numru 32/2016, huma a karigu ta' l-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**